A.L. 40 ta' l-1997

ATT TA' L-1994 DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Ordni ta' l-1997 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis fir-Rata tat-Taxxa)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 19 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ bħala l-Ordni ta' l-1997 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis fir-Rata tat-Taxxa).

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fl-1 ta' April, 1997.

Tnaqqis fir-rata tat-taxxa.

2. Ir-rata ta' taxxa li għandha titħallas skond l-Att fuq il-valur taxxabbli ta' —

(a) akkommodazzjoni u akkommodazzjoni u *catering* prenotati kif speċifikat fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Akkommodazzjoni u Xorb f'Fondi Liċenzjati għal Akkommodazzjoni Turistika) għandha tkun bir-rata ta' ħamsa fil-mija; u

A.L. 39 ta' l-1997.

(b) xorb kif speċifikat fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Akkommodazzjoni u Xorb f'Fondi Liċenzjati għal Akkommodazzjoni Turistika) għandha tkun bir-rata ta' għaxra fil-mija.